DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1655

tas-26 ta' Settembru 2022

li tirrikonoxxi r-rapport li jinkludi informazzjoni dwar l-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina skont l-Artikolu 31(3) u (4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tistabbilixxi li l-bijofjuwils, il-bijolikwidi, u l-fjuwils tal-bijomassa għandhom iwasslu għall-iffrankar sinifikanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-fjuwils fossili biex ikunu jistgħu jingħaddu lejn il-miri stabbiliti f'dik id-Direttiva. Għal dan il-għan, l-Artikolu 29(10) jistabbilixxi limiti speċifiċi għall-iffrankar tal-emissjonijiet għal dawk il-fjuwils, u l-Artikolu 31 jirregola kif għandu jiġi kkalkulat l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-użu tagħhom. Meta jsiru dawk il-kalkoli, jistgħu jintużaw il-valuri prestabbiliti stipulati fl-Annessi V u VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Minflok il-valuri prestabbiliti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola, jistgħu jintużaw valuri tipiċi taħt ċerti kundizzjonijiet. Dawn il-valuri tipiċi, li jirrappreżentaw il-valur medju f'żona speċifika, jistgħu jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi. Il-valuri tipiċi jistgħu jintużaw biss jekk il-Kummissjoni tirrikonoxxihom bħala akkurati.

(2) Fis-16 ta' Frar 2022, l-Arġentina bagħtet ir-rapport finali bid-*data* biex jitkejlu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-fażola tas-sojja tipikament prodotta f'reġjuni fl-Arġentina ekwivalenti għar-reġjuni NUTS 2 ([2]) tal-Unjoni Ewropea, lill-Kummissjoni, u talbet li l-akkuratezza ta' tali *data* tiġi rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 31(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

(3) Il-Kummissjoni vvalutat ir-rapport u sabet li fih id-*data* akkurata għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-fażola tas-sojja tipikament prodotta f'reġjuni fl-Arġentina ekwivalenti għar-reġjuni NUTS 2 tal-Unjoni Ewropea.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijofjuwils, il-Bijolikwidi u l-Fjuwils tal-Bijomassa.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rapport li ressqet l-Arġentina għar-rikonoxximent tal-Kummissjoni fis-16 ta' Frar 2022 fih id-*data* akkurata għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-fażola tas-sojja tipikament prodotta f'reġjuni fl-Arġentina ekwivalenti għar-reġjuni NUTS 2 tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 31(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Is-sommarju tad-*data* tar-rapport huwa stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija valida għal perjodu ta' ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha. Jekk il-kontenut tar-rapport, kif tressaq lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent fis-16 ta' Frar 2022, jinbidel b'xi mod li jista' jaffettwa l-bażi ta' din id-Deċiżjoni, dan it-tibdil għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni minnufih. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-bidliet innotifikati biex tiddetermina jekk ir-rapport ikunx għadu jipprovdi d-*data* akkurata li għaliha huwa rikonoxxut.

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.

([2]) In-NUTS hija sistema ta' klassifikazzjoni għall-unitajiet territorjali tal-UE għall-istatistika.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni tista' tirrevoka din id-Deċiżjoni jekk jintwera biċ-ċar li r-rapport ma jkunx għadu jinkludi d-*data* akkurata għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-fażola tas-sojja prodotta fl-Arġentina.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Sommarju tal-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-kultivazzjoni tal-fażola tas-sojja għal kull kategorija fir-reġjuni Arġentini, f'kg CO2eq għal kull tunnellata mnixxfa ta' fażola tas-sojja

Provinċja	Emissjonijiet ta' gassijiet serra mir-residwi tal-għelejjel ($kgCO_2$ eq/tunnellata mnixxfa)	Emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-applikazzjoni tal-fertilizzanti ($kgCO_2$ eq/tunnellata mnixxfa)	Emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-użu tal-fjuwil ($kgCO_2$ eq/tunnellata mnixxfa)	Emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni tal-fjuwil ($kgCO_2$ eq/tunnellata mnixxfa)	Emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni tal-agrokimiċi ($kgCO_2$ eq/tunnellata mnixxfa)	Emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni tal-fertilizzanti ($kgCO_2$ eq/tunnellata mnixxfa)	Emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni taż-żerriegħa ($kgCO_2$ eq/tunnellata mnixxfa)	Total ($kgCO_2$ eq/tunnellata mnixxfa)
BUENOS AIRES	95,90	3,94	40,79	3,94	40,64	5,61	0,00	190,81
CHACO	97,41	6,60	53,97	5,21	70,30	6,23	0,00	239,72
CORDOBA	89,04	5,13	36,91	3,56	41,05	4,89	0,00	180,58
ENTRE RIOS	102,53	13,11	51,29	4,95	57,61	15,91	0,00	245,41
LA PAMPA	90,75	3,61	37,07	3,58	36,12	4,08	0,00	175,20
SALTA	94,87	1,08	51,34	4,96	55,72	1,39	0,00	209,36
SANTA FE	88,54	1,86	36,05	3,48	43,95	4,40	0,00	178,28
SANTIAGO DEL ESTERO	93,15	0,41	48,09	4,64	54,91	0,42	0,00	201,62
TUCUMAN	94,87	1,08	51,34	4,96	55,72	1,39	0,00	209,36